MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 342/2013

**Mary Grace Cassar ID 201970M**

**vs**

**Ivan Cassar ID 165073M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-attrici qed titlob minghand il-Konvenut il-hlas ta' hames mija u erbghin Ewro (€540.00c) li huma nofs spejjes edukativi dwar binhom Alexander u dana skond sentenza tal-Qorti Civili – Sezzjoni Familja (Cit. 72/07/NC) tat-23 ta' Gunju 2011.

B'RISPOSTA l-Konvenut qal li t-Talba hi nfondata ghax hu nefaq u jonfoq aktar mill-ammont pretiz.

Bhala KONTRO-TALBA l-Konvenuta qal: L-esponenti hallas aktar milli qed tippretendi l-Attrici.

Bhala RISPOSTA ghall-KONTRO-TALBA l-Attrici ressqet:-

1. In-nullita’ tal-Kontro-talba peress li ma ndikatx ammont.
2. M’ghandha tati xejn lill-Konvenut.

Fl-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2014 id-difensur tal-Konvenut ivverbalizza, fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni ghall-Kontro-Talba, li l-ammont imsemmi ma jaqbizx il-kompetenza tat-TRIBUNAL u ntalbet u nghatat korrezzjoni f’dan is-sens.

II PROVI

1. It-TRIBUNAL josserva li hawn qed jinghata biss hjiel minn u siltiet tal-provi li izda jrid jitqies ukoll dak kollu li hemm fil-process. Jinghad mill-ewwel li hawn ghandna l-edukazjzoni ta’ Alessandro li twieled fit-8 ta’ Awwissu 1999, mela riesaq lejn is-sittax-il sena.

   Mis-sentenza ta’ separazzjoni (Dok A *a fol 17)* hu mislut dan:-

   (a) Kura u kustodja kongunta tal-minuri bit-tifel jghix mal-omm u l-missier ikollu access ghalih izda sakemm it-tifel ikollu 14-il sena m’ghandux ikun espost ghall-prezenza ta’ terzi tas-sess oppost.
   (b) L-omm tahdem u ma tehux manteniment ghaliha izda tircievi m’ghand il-missier €300 fix-xahar ghall-manteniment tat-tifel flimkien ma **nofs** l-ispejjes **edukativi** u **medici** ta’ natura straordinarja.

2. Fl-affidavit taghha (ara *fol* 15/16) l-Attrici nizzlet haga haga x’nefqet fir-rigward tal-edukazzjoni ta’ Alessandro – kollox munit b’ricevuti sa ma waslet fl-ammont ta’ €1080.00 u hi qed titlob in-nofs, meta €540.00 konformement mas-sentenza tas-separazzjoni.

3. Il-Konvenut esebixxa Dok IC1 u 2 dwar hlas rateali g hal computer ghat-tifel u mizati tal-futbol rispettivament. In kontro-ezami qal dan:-

   > *Ma nafx l-isem tad-ditta tal-computer. Dan inxtara fit-2010, minghalija f’Settembru. Dan qieghed id-dar ta’ ommi. Dan juzah it-tifel jien ma tantx nuzah. Il-partner tieghi ghandha t-tfal imma ma juzawx dan il-computer. Ma juzawx dan il-computer juzaw taghhom. Dan il-hlas tal-computer beda qabel ma inghatat sentenza tat-2011. Jien ma kellimtx lir-rikorrenti qabel ma xtrat dan il-computer. Qed nuri dan il-hlas ta’ computer ghax hi qed titlob nofs il-hlas ta’ computer minghajr ma dan ma staqsiet ghalih meta jien kont diga xtrajtlu computer. It-tifel jghix ma ommu jien ghandi access. Jigi s-Sibt u darba l-Hadd.*

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Wiehed josserva l-mod kurat li bih l-Attrici zammet nota ta’ x’nefqet ghall-edukazzjoni ta’ Alessandro, bir-ricevuti relativi. Hawn ghandna stampa ta’

omm li qed issegwi, pass pass, l-edukazjzoni ta' iben li, mhux qed jitrabba fl-ghozza ta' genituri taht l-istess saqaf.

2. Ta min josserva wkoll li t-tifel jghaddi l-bicca l-kbira tal-gimgha f'dar ommu u dak min fuq ghalih igawdih hu iss. Dwar il-computer l-iehor, dan qieghed f'dar omm il-Konvenut u ghalkemm juzah it-tifel, juzah ukoll missieru, "ma tantx". Hemm ukoll fin-nofs it-tfal tal-partner "imma ma juzawx dan il-computer". Anqas ma tressqet ricevuta dwar akkwist ta' dan il-computer.

3. Il-Konvenut jippretendi rifuzjoni ta' hlas ghal mizata tal-futbol. It-TRIBUNAL iqis li sports bhala parti ntegrali mill-edukazzjoni, izda qabel wiehed mill-genituri f'separazzjoni jabbona lil ibnu f'haga bhal din trid tigi konsultata l-parti l-ohra meta ghandna koppja mhux b'xi mezzi abbundanti u fejn ovvjament hemm nuqqas ta' afdar.

4. It-TRIBUNAL, gwidat ukoll minn principji ta' ekwita' kif hu obbligat statutorjament li jaghmel, ihossu konvint mill-gustifikazzjoni tat-Talba Attrici izda le fir-rigward tal-Kontro-Talba.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** il-Kontro-Talba u (2) **jilqa** l-eccezzjonijiet ghaliha (3) **jichad** l-eccezzjonijiet ghat-Talba u **jilqa** l-istess Talba b'dana li l-Konvenut qed jigi **kundannat** ihallas lill-Attrici il-*quantum* mitlub ta' hames mija u erbghin Ewro (€540.00c) liema somma ghandha tithallas fi zmien tletin jum mill-lum u f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u, fic-cirkostanzi (4) **jordna** li l-ispejjes, sew tat-Talba kif ukoll tal-Kontro-Talba jibqghu bla Taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------